# KRONAKA TAL-GHAQDA

## LAQGHA TAL-KUNSILL TAL-GĦAQDA

## MAR-RUMANZIERA LADY SNOW

B'INIZJATIVA tal-Kummissarju għal Malta f'Londra, Chev. Ed. Ellul, il-Kunsill tal-"Għaqda" ftiehem li jkollu laqgħa ma' Lady Snow (fl-arti magħrufa bl-isem ta' Pamela Hansford Johnson), rumanziera, li nzertat ġiet hawn Malta flimkien ma' Sir C. B. Snow, żewġha, wieħed mill-Membri tad-Delegazzjoni dwar il-bżonnijiet ta' l-Università Rjali ta' Malta.

Fit-3 ta' Lulju, fis-6 p.m. il-Kunsill tal-"Għaqda" kellu laqgħa ma' Lady Snow u żewġha, Sir C. B. Snow, fil-Kamra tal-Professuri l-Uuniversità. Kull membru tal-Kunsill tal-"Għaqda", li ħa sehem fil-laqgħa, ġie ppreżentat lilha mill-President tal-"Għaqda", il-Profesur Kav. Ġ. Galea. Il-laqgħa kienet waħda mill-okkażjonijiet sbieħ għall-"Għaqda" biex tiġi magħrufa fl-importanza tagħha letterarja u uffiċjali fil-Gżejjer ta' Malta.

Wara konversazzjoni ferrieħa mal-membri u sinjuri nisa tagħhom mal-mistednin, waqt "riċeviment" li sar b'ġieħ tagħhom, il-President tal-"Għaqda", il-Prof. Kav. Ġ. Galea, fisser il-pjaċir li kellhom il-membri tal-"Għaqda" li jiltaqgħu ma' Sir Charles u Lady Snow f'okkażjoni ta' ħbiberija u intimità. Il-President tkellem fuq fuq dwar il-bidu u l-progress tal-"Għaqda", u semma x-xogħol tagħha u s-suċċessi li kellha b'riżq l-ilsien Malti u l-letteratura Maltija. Hu semma wkoll fuq il-ġid li jisfa' b'mezz laqgħat bħal dawk bejn kittieba ta' bosta nazzjonijiet li b'hekk isiru jafu u jagħrfu lil xulxin.

Lady Snow uriet il-ferħ tagħha b'dik il-laqgħa ma' l-awturi Maltin u n-nisa tagħhom. Qalet li hi minn dejjem kienet tal-fehma li jista' jsir ġid bla tarf fil-qasam letterarju u soċjali jekk ikun hemm aktar laqgħat bejn il-kittieba u awturi ta' diversi nazzjonijiet. Id-dispjaċir tagħha kien li hi ma tistax taqra bil-lingwi kollha biex tkun tista' tapprezza l-ġmiel u



l-benna tal-letteraturi strangieri, fosthom tal-Malti, u b'hekk tkun tista' wkoll tikseb idejiet u ispirazzjonijiet mill-awturi barranin.

Fl-aħħarnett tkellem Sir Charles fejn irringrazzja lill-membri tal-"Għaqda" għall-unur li għamlu lilu u lil martu b'dak ir-riċeviment. Semma kemm il Maltin għandhom ħajra jilqgħu bil-qalb lill-barrani u qal li l-miġja tiegħu f'din il-Gżira u dik il-laqgħa ma' l-awturi Maltin jibqa' dejjem jiftakar fihom b'ferħ u għoġba.

## FI TWELID DANJEL CASSAR

L-ewwel iben ta' ħabibi
Manwel u martu Guża.

*Ta'* V. Caruana

DANJEL, inti twilidt bogħod miċ-ċkejkna Gżira
Li fiha nħabbu t-tnejn missierek u ommok
Biex int tnissilt minn din l-imħabba kbira;
Biex ommok issa b'għożża kbira żżommok.

Missierek ma jħallikx żgur tinsa lsienu
Li bih min jaf kemm niseġ l-isbaħ għana,
W int għad taqr'hom għanjietu li fi żmienu
Kien f'Malta damm minn qalb, moħħ u id setgħana.

Danjel, rajthomx ulied l-Awstralja x'qima
Taw il-Letteratura tagħhom l'għadha
Titwieled bħall-Maltija. Hix tagħlima,
Li ta' katedra se' jagħtuha l-qagħda? *

Għalkemm bħal tagħna twieldet biss il-bieraħ
Qimuha flok maqdruha bi kliem fieragħ.

* Ftit wara li nżilt l-Awstralja ġiet organizzata ġabra ta' flus biex titwaqqaf katedra tal-Letteratura Awstraljana fl-Università ta' Sydney.